# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Appell Numru: 18/2017**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Carmelo Schembri**

iben Bartholomew, imwieled Pieta', fit-13 ta' Gunju, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 319964(M).

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Schembri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, bejn it-2 u t-3 ta' Gunju 2015, b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq u/jew ghamel hsara u/jew gharraq xi haga u dan ghad-dannu ta' Emanuel Micallef.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti wara li

rat l-328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u kkundannatu ghal multa ta' hamsin ewro (€50). Inoltre', bl-applikazzjoni tal-artikolu 534A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati ihallas lill-parti leza ghoxrin ewro (€20). Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat ihallas l-ammont ta' €657.00 rapprezentanti spejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx jigu konvertiti fi prigunerija ai termini tal-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo Schembri minnu pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

<u>**L-Ewwel Aggravju**</u>

**1.** Illi fil-qofol tieghu, l-ewwel aggravju tal-esponenti huwa li l-ewwel Qorti, dejjem bid-dovut rigward, ma afferatx kif jixraq il-provi prodotti u ghamlet valutazzjoni, fattwali u legali, ghal kollox errata taghhom. Fuq kollox, l-esponenti umilment jsostni illi mill-provi prodotti certament li ma kienx hemm l-elementi mehtiega biex l-esponenti jinstab hati tal-akkuzi dedotti. Anzi, il-provi prodotti kellhom se mai jeskolpaw lill-istess esponenti minn dawn l-akkuzi.

**2.** Illi bizzejjed jinghad li, la l-kwerelant, u lanqas ibnu Carmel Micallef li wkoll xehed f'dawn il-proceduri, ma qatt raw lill-esponenti jghaddi u jikkawza hruq u/jew hsara fuq proprjeta` tieghu u ma gie prodott l-ebda xhud li ra xi haga f'dan is-sens. Hekk ukoll, waqt li access *in situ* ma gew ikkonstati l-ebda hsarat mill-perit tekniku;

**3.** Illi l-uniku "prova", jekk tista' ssejhilha hekk, li pproduca l-kwerelant kienu serje ta' ritratti li juru xi hxejjex, pajpijiet u marki tat-*tyres* fil-hamrija. Fuq dawn <u>biss</u> jidher li strah il-perit tekniku, b'approvazzjoni tal-ewwel Qorti, sabiex jikkonkludi illi "saret" xi hsara fix-xtieli tal-qargha hamra u li "tghaffeg" pipe zghir. S'intendi, l-perit tekniku ma jghidx min ikkawza din il-hsara hlief li skontu

tidher biss fir-ritratti prodotti. Di piu, hadd ma jaf b'certezza meta ttiehdu dawn ir-rittatti u dan huwa punt importanti hafna kif ser jigi spegat hawn taht;

**4.** Illi oltre minn hekk, ma jkunx barra minn loku li jinghad li d-diskrepanzi, nofs veritajiet u tghawwig tal-fatti kif rapportati mill-kwerelant huma straordinarji u ghal kollox inverosimili. Hekk ad ezempju, l-kwerelant l-ewwel jirraporta mal-pulizija li kellu mal-€200 jew €300 fi hsara meta mbaghad, meta gie kontro-ezaminat quddiem il-perit tekniku, jixhed illi "d-dannu kien cirka ghoxrin Ewro jew naqra izjed". Haga ohra hi – u dan jinnotah ankè il-perit tekniku – illi filwaqt li l-kwerelant jirraporta mal-pulizija hsara fix-xtieli tal-**qargha hamra** u f'xi **pajpijiet**, sena wara jixhed quddiem il-Qorti li kellu xi hsara fid-**dwieli**, u fl-istess waqt ma jipproduci l-ebda evidenza in sostenn ta' dan, apparti li fatt illi - kif jafferma l-perit tekniku - ma jaghmel l-ebda sens li wiehed ihawwel id-dwieli qalb il-qargha hamra.

**5.** Illi dwar l-istess punt, il-perit tekniku innota wkoll illi filwaqt li l-kwerelant ipproduca rittrat (CM 101001) fejn tidher dielja, ma jidhru l-ebda dwieli fir-ritratti l-ohrajn. Din hija raguni fondamentali ohra ghalfejn tali ritratti ma jistghu qatt iwasslu ghal dik il-prova konklussiva, cioe li ma thalli l-ebda dubbju, tal-akkuzi dedotti kontra l-esponenti ghaliex facli wiehed jesebixxi ritratti minghajr konferma xierqa ta' meta ttiehdu u dwar jekk ghandhomx, fil-fatt, x'jaqsmu mal-hsara li allegetament ikkometta l-esponenti;

**6.** Illi ta' min jinnota wkoll illi l-kwerelant lanqas stima jew ricevuta wahda ma pproduca in sostenn tal-hsarat minnu lamentati;

**7.** Illi minkejja dan kollu, l-ewwel Qorti, wara li rreplikat verbatim estratti mir-rapport tal-perit tekniku, semplicment ghaddiet biex tikkonkludi li ma fadalla "l-ebda dubbju li l-imputazzjoni giet soddisfacament ipprovata <u>sal-grad rikjest mil-ligi</u>". L-esponenti jerga jtenni bil-qawwa kollha li l-akkuzi mhux biss ma gewx ipprovati sal-grad rikjest mil-ligi, izda li tali provi ghandhom fil-fatt jezonerawh minn kull htija.

**8.** Illi l-esponenti jtenni wkoll il-konviciment tieghu li dawn l-akkuzi saru b'intenzjoni qarrieqa il-ghaliex il-veru kwistjoni li qed tikkonfondi l-kwerelant u lill-ibnu Carmel Micallef hija dwar il-moghodija u xejn aktar. Tant huwa minnu dan illi waqt l-access *in situ* kemm il-kwerelant u kemm ibnu ma qajmu jew sostnew assolutament xejn rilevanti ghal fini tal-akkuzi in kwistjoni izda hlew siegha, siegha u nofs, jispjegaw lill-perit tekniku minn fejn ghandu jghaddi l-esponenti u jekk jghaddi, jghaddi biss bi buona gratia taghhom. Bl-akbar dovut rispett, l-esponenti jtenni li lanqas kien hemm htiega li jsir access, u zgur li l-esponenti ma ghandux ibaghti ghal tali spejjez tal-perizja. Fuq kollox l-esponenti

ma huwiex akkuzat *b'ragion fattasi* u fi kwalunkwe kaz, dawn [drittijiet ta' mghodija] huma kwistjonijiet ta' natura civili li sfortunament, kif hemm habta jigri f'sitwazzjonijiet fejn tirrenja l-pika, ma tantx huwa dispost il-kwerelant li jsolvihom civilment u ghalhekk biex ma jghaddix mil-bieb qed jittenta jghaddi mit-tieqa biex jaghmel hajjet l-esponenti infern b'akkuzi foloz u jfixxklu kemm jista' jkun mill-access ghar-raba tieghu li huwa jgawdi bi dritt.

**9.** Illi fid-dawl tal-premess, l-esponenti ser jirreferi ghas-segwenti principji gurisprudenzjali in sostenn tal-fehma assodata tieghu illi l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda triq ohra hlief li tilliberah mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. L-ewwel principju kardinali u pacifiku huwa dan:-

*'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond 'il-ligi."* (ara, fost ohrajn, "**Repubblika ta' Malta v George Spiteri**", **Qorti tal-Appell Kriminali, 5 ta' Lulju 2002** u "**Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**", **Qorti tal-Appell Kriminali, 8 ta' Mejju 2014**).

**10.** Hekk ukoll inghad gustament mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta illi:-

*"Il-Qorti qatt ma tista' issib ħtija f'xi ħadd meta l-provi jistgħu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, jew in bazi ta' suspetti biss".* (ara "**Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et", Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Jannar 2013**)

**11.** Illi dwar ir-reat tal-hsara li huwa akkuzat bih l-esponenti, l-Qrati taghna sostnew dan:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali*[1] *(moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista'*

[1] Jinsab ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Mario Formosa", Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Ottubru 2016** , illi "*r-reat ta' hsara involontarja huwa kompriż u involut fir-reat ta' ħsara volontarja*"

*jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit."* (ara "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra, Qorti tal-Appell Kriminali, 24 ta' Frar 2003**).

**12.** Illi fil-kaz odjern ma gietipprezentata l-ebda stima u filwaqt li tqabbad perit tekniku dan ma vvaluta l-ebda hsarat fir-rapport tieghu. Anzi jghid illi hemm versjonijiet konfliggenti bejn dak li xehed Emanuel Micallef quddiemu (€20) u ma dak li rraporta lill-pulizija (€200-€300) u kwindi lanqas biss jindika xi valur tal-hsarat. Il-parti leza lanqas hija certa ta' dan l-ammont (ta' hsarat) meta hija xehdet li <u>forsi</u> kienu €20 jew ftit aktar. Jinghad ukoll illi rispettosament l-ewwel qorti ma tat l-ebda hjiel tax-xjenza jew l-gharfien taghha fir-rigward tal-hsarat in kwistjoni.

**13.** Illi dawn huma l-principjji gurisprudenzjali li messha gharblet u applikat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha u, in bazi taghhom, hija ma kienx ikollha triq ohra ghajr li tillibera lill-esponenti mill-akkuzi migjuba kontrih.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

**14.** Illi jingieb ukoll il-quddiem bhala aggravju il-fatt li l-artikolu citat biex l-esponenti jigi kkundanat ihallas lill-kwerelant is-somma ta' (€20), u cioe` l-artikolu 534A(Kap. 9) li si tratta drittijiet ta' persuni suspettati u akkuzati ma ghandu assolutament l-ebda relevanza u kwindi huwa kompletament skorrett u inapplikabbli bhala bazi ghal hlas ta' dan l-ammont, minimu kemm hu minimu. Lanqas ma huwa applikabbli l-artikolu precedenti, u cioe l-artikolu 534 (assumendo li sar xi zball tal-pinna), in kwantu dan japplika biss fil-kaz ta' reat kontra r-regolamenti dwar il-*motorcars* jew kontra kull ligi jew regolament dwar it-traffiku tal-vetturi.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

**15.** Illi permezz tat-tielet u l-ahhar aggravju, li qed jingieb dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, jinghad illi l-ewwel Qorti zbaljat ukoll fl-applikazzjoni taghha tal-artikolu 533 (Kap. 9) fil-konfront tal-esponenti sabiex huwa jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-perizja (€657) in kwantu l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 jippreskrivi illi l-azzjoni ghandha tingieb <u>bil-kwerela</u> tal-parti leza, filwaqt li l-artikolu 533 (Kap. 9) jaghmilha cara illi dan japplika biss "Meta l-kawza ssir mill-Pulizija **<u>ex officio</u>**."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant hassu aggravat bis-sentenza appellata billi jishaq fl-ewwel lok illi ma kienx hemm bizzejjed provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li fuqhom l-Ewwel Qorti setghet isejjes il-htija. Dan ghaliex l-unika prova indizzjarja li kien hemm fl-atti li setghet tipponta lejn ir-reita' kienet biss sett ritratti li ma gewx lanqas ikkonfermati minn min ittiehdu u meta. Illi sussidjarjament jilmenta ukoll illi l-kundanna ghal hlas tad-danni saret in forza ta' disposizzjoni tal-ligi li ma ghandha xejn x'taqsam mal-mertu tal-kaz u finalment illi l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ma isibx applikazzjoni meta l-kaz jitmexxa 'il quddiem abbazi tal-kwerela tal-parti leza, izda japplika biss ghal dawk il-kawzi li jitmexxew *ex officio* mill-pulizija.

Illi din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u fuq kollox ir-rapport peritali imhejji mill-Perit Valerio Schembri nominat mill-Ewwel Qorti sabiex jassistieha fil-gbir tal-provi u l-konsiderazzjoni dwar l-istess, billi fid-determinazzjoni ta' din il-vertenza kien jenhtieg fehma teknika. Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti aderiet mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tekniku u ghalhekk sabet lill-appellant hati tal-unika imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Minn dawn il-fatti probatorji hekk esposti jirrizulta illi nhar is-7 ta' Ġunju 2015, Emanuel Micallef għamel rapport l-għassa tal-Mosta fejn allega illi bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju 2015 hu kien innota li xi persuna kienet għamlitlu ħsara fl-għalqa tiegħu ġewwa Fomm ir-Riħ liema hsara kienet tikkonsisti f'distruzzjoni tal-qargħa ħamra miżrugha u ukoll hsara ukoll fil-pajpijiet tal-irrigazzjoni. Ghalkemm Micallef jikkontendi illi huwa

ma rax min għamillu din il-ħsara iżda, meta gharraf lil ibnu Carmel Micallef b'dak li kien sehh, dan ta' l-aħħar ikkomunika mal-appellant telefonikament u wissieh b'dak li kien sehh, fejn l-appellant filfatt ikkonferma li hu kien għadda mill-passagg li jinsab biswit l-ghalqa taghhom u li kien beħsiebu jerġa' jgħaddi. Illi fil-jum li sar ir-rapport u wara li sar dan il-kuntatt bejn Micallef u l-appellant, il-kwerelant innota illi kienu saru aktar ħsarat minn dawk li kien irriskontra ftit jiem qabel u li ghalhekk kienet regghet saret invazjoni ohra tal-propejta tieghu u li min ghadda minn hemmhekk kien ghamel hekk b'xi inġenji.

L-parti leza jallega mal-pulizija illi b'dan l-agir tal-appellant huwa sofra hsara ammontanti ghal valur ta' bejn €200 u €300. Din l-istima sussegwentement inbidlet konsiderevolment meta Micallef xehed quddiem il-perit maħtur mill-Qorti Valerio Schembri fejn iddikjara li l-ħsarat riskontrati kienu jammontaw għal €20. Meta l-pulizija tkellmu mal-appellant hu filfatt ikkonferma li kien għadda minn hemmhekk bit-*tractor* tiegħu. In oltre meta l-appellant xehed quddiem il-Perit Schembri matul il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, filwaqt li reġa kkonferma li hu kien għadda mill-għalqa in kwistjoni, insista li ma kienx għamel ħsara peress illi kien għadda minn bejn ix-xtieli tal-qargha ħamra u kien qala' l-pajpijiet li kien hemm minn mas-*socket* u dawwarhom biex ma jgħaffigħomx. Hu kkonferma li filfatt kien reġa' għadda mill-għalqa tal-kwerelant, kif stqarr li kellu d-dritt illi jagħmel.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jinstab mixli bir-reat ta' ħsara involontarja skond kif hemm dispost fl-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali fejn a differenza tar-reat tal-ħsara volontarja kif mahsub fl-artikolu 325, mhuwiex meħtieġ li jiġi ppruvat il-valur tal-ħsara kkaġunata purche' issir l-prova tal-ħsara u n-natura taghha. F'dan il-każ il-proceduri penali jitmexxew 'il quddiem bil-kwerela tal-parti offiza, liema kwerela ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwarha.

Illi minn ezami tal-atti ghandu jirrizulta illi l-Ewwel Qorti setghet isejjes is-sejbien ta' htija taghha mhux biss fuq ir-ritratti esebieti mill-parti leza li minnhom seta' jirrizulta *ictu oculi* n-natura tad-danni kkagjonati, izda fuq kollox dan huwa ukoll ikkonfermat *ex admissis* mill-appellant stess li jghid illi huwa ghadda bl-ingenji minn fuq l-ghalqa tal-parti leza bil-pretensjoni illi huwa ghandu jedd ta' passagg minn fuq l-istess ghar-raba tieghu u li anke kien dawwar il-*pipe* tal-ilma u qalghu mis-*socket* sabiex ma jikkagunax hsara bil-mghodija tieghu. Illi mir-rapport tal-espert Valerio Schembri u dak irriskontrat minnu, ma jidhirx illi l-appellant irnexxielu f'dan l-intent billi hsara xortawahda giet ikkagjonata. L-istess appellant jisħaqq li filfatt hu kien reġa għadda mill-għalqa tal-kwerelant kif saħaq li kien ser jagħmel xi ġranet wara u jikkorobora l-fatt li l-kwerelanti kienu għamlu rapport wara t-tieni inċident u mhux wara l-ewwel inċident. Infatti r-rapport sar fis-7 ta' Ġunju 2015 wara li l-kwerelant innota li x'aktarx l-appellant kien għadda mill-ġdid minn fuq l-għalqa tiegħu, u allura hemmhekk jirrapporta l-incident precedenti li sehh bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju 2015.

Illi mir-ritratt eżebit mar-rapport tal-Perit Schembri u mmarkat bħala CM101001, huwa evidenti illi l-appellant għadda minn fuq ix-xtieli tal-qargha ħamra u mhux minn bejniethom kif allega hu. In oltre mir-ritratti eżebiti minn Emanuel Micallef in atti u li huma mmarkati bħala Dok EM, filwaqt li bħalma stqarr il-Perit fil-konklużjonijiet tiegħu, kien hemm xi pajpijiet li tgħaffġu meta l-appellant għadda minn fuqhom bit-*tractor* tieghu. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, m'hemmx dubbju, li ħsarat, allavolja mhux estensivi, effettivament ġew ikkaġunati fuq ix-xtieli tal-qargha ħamra u fuq xi uħud mill-pajpijiet tas-sistema tal-irrigazzjoni meta l-appellant għadda minn fuqhom bl-inġenji tiegħu. Il-kwistjoni dwar jekk kellux dritt jew le li jgħaddi minn hemmhekk ma ghandha xejn x'taqsam mal-mertu ta' dan il-kaz. Konsegwentement l-aggravju marbut mal-mertu u l-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi sorvolat l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi jifdal biex din il-Qorti tqis l-aħħar żewġ aggravji mressqa mill-appellant u cioe' dawk marbuta mal-applikazzjoni tal-artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi, fil-fehma tal-appellant, m'għandha xejn x'taqsam mal-kundanna ghal ħlas tad-danni, kif ukoll l-imposizzjoni tal-hlas tal-ipsejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533 billi fil-fehma tieghu dan id-dispost tal-ligi japplika biss meta jittiehdu proceduri *ex officio* mill-pulizija u mhux ukoll ghal dawk fejn il-procediment penali jigi inizjat bil-kwerela tal-parti offiza.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellant ghandu ragun f'dawn iz-zewg aggravji minnu ventilati. Illi ghalkemm jidher illi l-Ewwel Qorti erronjament indikat id-dispost tal-artikolu 534A minflok l-artikolu 532A biex bis-sahha tal-istess tghaddi ghal kundanna tal-appellant ghal hlas tad-danni minnu ikkagjonati, madanakollu din il-Qorti ma tistax issa, fi stadju ta' revizjoni, tissanzjona dan in-nuqqas billi appell minn naha ta'l-Avukat Generali fuq dan il-punt ma hemmx. Illi allura l-Ewwel Qorti ma setatx abbazi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi u cioe' l-artikolu 534A tal-Kodici Kriminali tghaddi ghal tali kundanna meta din titkellem fuq id-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkuzati u mhux ghal hlas ta' danni.

Illi ukoll minn qari ta' dak dispost fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi l-kundanna ghal ħlas ta' spejjeż peritali ghandu isir mill-qorti meta il-każ jitmexxa *ex officio* mill-pulizija u ma jidhirx illi hemm xi eċċezzjoni għal din ir-regola. Illi allura ghalkemm fil-fehma tal-Qorti jidher illi hemm *lacuna* fil-ligi ghal dawk il-kazijiet fejn l-proceduri penali jitmexxew fuq il-kwerela tal-parti leza, madanakollu l-Qorti ma ghandhiex is-setgha bil-ligi li tordna tali kundanna f'dan il-kaz meta skont dak dispost fl-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali fil-kaz ta' reat dwar hsara ta' natura involontarja ghandha issir biss bil-kwerela u mhux *ex officio* mill-pulizija. Illi maghdud dan madanakollu l-ispejjez peritali skont il-ligi huma meqjusa bhala dejn civili u kwindi ma hemm xejn x'josta lir-Registratur tal-Qorti li jistitwixxi proceduri civili ghal hlas tal-istess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, tichad l-ewwel aggravju, izda tilqa' l-aggravji l-ohra, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuza lilu addebitata u fejn gie ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' hamsin ewro (€50), izda tirrevokaha fil-bqija.

Edwina Grima
Imhallef